# ĠENESI

## Il-bidu ta' l-univers, il-ħajja, l-ispeċi u l-bniedem

Dr Joseph Mizzi

# 1. Il-Bidu ta' l-Univers

"Il-Kristjaneżmu hu - u għandu jkun - impenjat bi sħiħ favur il-ħolqien kif deskritt fil-Ġenesi. Il-Kristjaneżmu messu jiġġieled b'saħħtu kollha kontra t-teorija ta' l-evoluzzjoni. Jidher ċar li l-iskop għall-ħajja u l-mewt ta' Ġesù tiddependi fuq l-eżistenza ta' Adam u l-frotta projbita li hu u Eva kielu. Mingħajr id-dnub oriġinali, min għandu bżonn il-fidwa? Mingħajr il-Waqgħa t'Adam f'ħajja ta' dnub li tintemm bil-mewt, x'għan jibqa' għall-Kristjaneżmu? Xejn!"

Dan il-kliem ma kitbux xi teologu Kristjan iżda ix-xjentist atew Richard Bozarth. Għalkemm ma jemminx f'Alla, Bozarth jifhem tajjeb l-importanza tal-kwistjoni dwar l-oriġni. Il-Kristjani jemmnu, iżda sfortunatament mhux kollha japprezzaw li l-Ġenesi ("il-bidu") hu l-pedament tal-fidi tagħna. X'inhi l-verità: l-univers, il-ħajja u l-bniedem huwa l-frott ta' l-evoluzzjoni jew xogħol idejn il-Ħallieq?

Il-mistoqsija dwar l-oriġni titfa' dawl fuq it-tifsira u l-għan ta' l-eżistenza umana. L-evoluzzjoni tagħti tweġiba mod; l-Iskrittura tagħti tweġiba mod ieħor. Tagħmel differenza kbira jekk l-antenati tagħna kinux xadini jew jekk kinux maħluqa fuq xbieħa t'Alla. Qiegħdin nogħlew u nitjiebu bi proċess evoluzzjonarju fuq medda ta' miljuni ta' snin, jew konna maħluqin perfetti u waqajna mill-istat tajjeb tal-bidu u allura neħtieġu l-ħelsien u l-fidwa mingħand Alla?

X'nafu dwar il-bidu ta' l-univers? Kif bdiet il-ħajja? Min fejn ġiet il-varjetà kbira ta' annimali u pjanti li jgħixu fuq wiċċ id-dinja? Fuq kollox x'inhu l-oriġni tagħna l-bnedmin? Dawn l-artikli jservu ta' introduzzjoni għall-argumenti xjentifiċi u bibliċi kontra l-evoluzzjoni u favur il-ħolqien minn Alla. Tagħmel sew jekk tiċċekkja l-pedament filosofiku li fuqu qed tibni ħajtek. Dak li temmen dwar l-oriġni jiddetermina sew imġiebtek fil-preżent kif ukoll id-destin tiegħek. Jekk tibni darek fuq il-blat tibqa' wieqfa f'jum tal-prova; jekk tibni fuq ir-ramel, illum jew għada darek taqa' u ssir ħerba.

### *Fidi jew xjenza?*

Fid-dibattitu bejn l-evoluzzjoni u l-ħolqien m'aħniex inqabblu ix-xjenza mal-fidi; iżda twemmin ma' twemmin ieħor.

Meta tifliha, issib li t-teorija ta' l-evoluzzjoni hi *twemmin* dwar il-passat li qatt ma jista' jiġi provat xjentifikament. It-tagħrif tax-xjenza huwa limitat, speċjalment dwar avvenimenti li ġraw fil-passat u allura ma jistgħux ikunu osservati jew ripetuti fil-laboratorju. Ix-xjenza ma tistax tagħti prova xjentifika ta' l-Assedju l-Kbir tal-1565. Nafu x'ġara, mhux mix-xjenza, iżda minn dokumentazzjoni ta' xhieda li kienu preżenti dak iż-żmien.

Kif mela jippretendu li f'isem ix-xjenza jagħtu prova ta' avvenimenti storiċi u uniċi bħall-oriġni tal-univers, il-ħajja u l-bniedem? Għal din ir-raġuni, il-filosfu tax-xjenza, Sir Karl Popper, wera dubbju jekk it-teorija ta' l-evoluzzjoni tistax tiġi klassifikata bħala teorija xjentifika.

It-tieni, peress li x-xjenza hi limitata għall-istudju ta' fenomeni fiżiċi, inkunu preġudikati jekk nassumu mill-bidu li r-realtà kollha hi magħluqa fl-isfera fiżika. Ma nkunux onesti magħna nfusna jekk neskludu 'l Alla minn moħħna. Jekk nagħmlu hekk żgur qatt ma nammettu li Alla ħalaq kollox.

Per eżempju, x'nistgħu ngħidu fuq il-qawmien ta' Kristu mill-mewt? Jekk ninvestigaw ix-xhieda storika naslu għal żewġ konklużżjonijiet: a) Dan l-avveniment ta' l-għageb ġara tassew; b) Dan l-avveniment m'għandux spjegazzjoni naturali. Madankollu ssib nies li jinnegaw l-qawmien mill-mewt tal-Mulej. Jibqgħu ma jemmnux mhux għax m'hemmx evidenza storika, iżda għax telqu minn preġudizzju ateista. Jekk m'hemmx Alla, m'hemm xejn ħlief in-natura, u jekk skond il-liġijiet naturali l-mejtin ma jqumux, mela Kristu ma qamx. Dan hu raġunament loġiku, iżda żbaljat, għax iserraħ fuq premessa falza.

Bl-istess mod, jekk ix-xjenza tinbena fuq filosofija materjalista (jiġifieri li r-realtà tikkonsisti biss minn sustanza u forzi materjali), ma tista' tasal *qatt* għall-konklużjoni favur il-ħolqien minn Alla. Minħabba l-preġudizzju materjalista, bis-sewwa jew bid-dnewwa, dik it-tip ta' xjenza jkollha tagħti tifsira naturali għall-oriġni ta' l-univers, il-ħajja u l-bniedem, anke jekk fil-fatt kellhom kawża sopranaturali u jekk l-evidenza turi f'direzzjoni oħra.

Fis-sensiela televiżiva "Cosmos," Carl Sagan jistqarr: "The Cosmos is all that is or ever was or ever will be." Carl Sagan hu xjentist, imma wieħed malajr jintebaħ li l-istqarrija tiegħu hi filosofika u mhux xjentifika. B'liema esperimentazzjoni wasal għal konklużjoni bħal din? Forsi dar kull rokna ta' l-univers? Jew vjaġġa lura u 'l quddiem fiż-żmien? Kif mela jista' jiddikkjara li m'hemm xejn għajr l-univers materjali?

Kultant tiltaqa' ma kitbiet ta' evoluzzjonisti aktar onesti. Il-professur L.T. More kiteb li aktar ma wieħed jistudja l-fossili, aktar jikkonvinċi ruħu li l-evoluzzjoni hi msejsa fuq il-fidi biss. Il-Professur D.M. Watson, li huwa wkoll evoluzzjonista famuż, darba stqarr li t-teorija ta' l-evoluzzjoni hi aċċettata "not becase it has been observed to occur or can be proved by logically coherent evidence to be true, but because the only alternative -- special creation -- is clearly incredible." Fi kliem ieħor, ladarba ma' jemminx f'Alla l-Ħallieq, ma jibqa' ebda alternattiva oħra ħlief li jemmen l-evoluzzjoni, avolja l-evoluzzjoni mhix provata mill-evidenza u l-osservazzjoni.

L-evoluzzjoni u l-ħolqien huma żewġ sistemi ta' *twemmin* dwar il-passat. Nistgħu biss nosservaw u nistudjaw in-natura madwarna u naraw il-fatti ma' liema sistema jaqblu l-aħjar.

## *Kif oriġina l-univers?*

Din hi mistoqsija fundamentali. Il-filosfu u tfajjel ċkejken it-tnejn jinteressahom il-bidu ta' kollox. Il-fidi Kristjana tibda b'affermazzjoni li Alla huwa l-Awtur u l-Ħallieq ta' kollox: *"Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art"* (Ġenesi 1:1).

1. L-ewwelnett nemmnu fl-*eżistenza* f'Alla. "Min jiġi għand Alla jaħtieġ jemmen li Alla hu" (Lhud 11:6).

2. Nemmnu f'Alla *etern.* "Qabel ma int għamilt l-art u d-dinja, minn dejjem għal dejjem, int Alla" (Salm 90:2).

3. Kollox sar *ex nihilo*, mix-xejn: Alla "jsejjaħ lil dawk il-ħwejjeġ li mhumiex bħallikieku huma" (Rumani 4:17).

4. Alla ħalaq kollox matul *sitt ijiem*: "F'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum" (Esodu 20:11).

5. L-iskop ewlieni tal-ħolqien huwa *l-glorja t'Alla* (Rivelazzjoni 4:11).

Il-Kristjan jemmen dawn il-fatti dwar l-oriġni għax jafda l-Kelma t'Alla miktuba, l-Iskrittura Mqaddsa. Imma forsi xi ħadd joġġezzjona: kif taf li l-Bibbja hi l-kelma t'Alla, u fuq kollox, kif taf li hemm Alla?

Il-Bibbja ma tinħeliex fl-argumentazzjoni komplessa li l-ilma jxarrab, jew in-nar jaħraq, jew li l-bniedem jeżisti. Wisq anqas tintilef f'argumenti favur l-eżistenza t'Alla. Tista' timmaġina l-awtur ta' ktieb jikteb l-ewwel kapitlu biex jagħti prova li hu jeżisti? Jew li bennej ta' dar jargumenta fit-tul li dar teħtieġ bennej? Kemm anqas l-Awtur tal-Bibbja, l-istess arkitett u bennej tal-ħolqien! Il-Bibbja ma tibdiex b'lista ta' provi favur l-eżistenza t'Alla. Tibda b'dak li kien fil-bidu, "fil-bidu Alla," il-kawża ta' l-eżistenza tal-ħolqien kollu. X'irreverenza u bluha meta l-ħlejqa, minflok tistaqsi "Min ħalaqni?" tistaqsi jekk hemmx Ħallieq!

Xejn ma nsibha bi kbira nemmen f'Alla. Infatti ma niftakarx żmien meta ma kontx nemmen fih. Il-ħolqien jagħti xhieda tiegħu: "Is-smewwiet ixandru l-glorja t'Alla; u l-firxa tas-sema turi għemil idejh." Is-setgħa eterna t'Alla tidher ċar mill-ħwejjeġ maħluqa u għalhekk l-atew m'għandux skuża.

## *Il-Big Bang!*

Ħafna għandhom l-impressjoni li x-xjenza tat tweġiba sodisfaċenti ta' l-oriġni ta' l-univers mingħajr il-ħtieġa ta' Ħallieq. Ma ngħidux aktar, "Fil-bidu Alla." Illum tgħallimna ngħidu, "Fil-bidu l-*big bang*."

Din t-teorija tipproponi li xi 12-il biljun sena ilu, il-materja kollha ta' l-univers kienet miġbura f'reġjun iżgħar minn ċenteżmu. Beda jespandi u jibred, u fuq perjodu ta' biljuni ta' snin evolvew il-kwiekeb u l-galassji u saħansitra l-ħajja. Din it-teorija mhix l-unika teorija xjentifika dwar l-oriġni ta' l-univers. Tajjeb li nżonnu żewġ punti quddiemna:

*1. Il-Big Bang mhix teorija provata*

Fil-kotba u dokumentarji popolari, il-Big Bang hi preżentata bħala fatt stabbilit. Ngħidu aħna fir-revista *Scientific American* naqraw: 'At present, there are no fundamental challenges to the big bang theory' u jammetti biss li 'there are certainly *unresolved issues* within the theory itself.' (*Scientific American*, 9:1, Spring 98). Ironikament f'artiklu ieħor fl-istess revista, Anrei Linde isemmi sitt problemi fundamentali għal din it-teorija, u jistqarr: "...we may soon be saying good-bye to the idea that our universe was a single fireball created in the big bang."

*2. Il-Big Bang ma tweġibx il-mistoqsija fundamentali ta' l-origini*

It-teorija tal-Big Bang twaddab lura l-mistoqsija ta' l-oriġni ta' l-univers għal diversi biljuni ta' snin. Iżda tibqa' ma tweġibx kif l-ewwel "oġġett" beda, jew jekk kienx jeżisti minn dejjem, jew jekk kienx hemm xi ħaġa qablu. Ix-xjentisti jammettu li dawn il-mistoqsijiet m'humiex suġġetti għall-prova xjentifika:

"The first, and main, problem is the very existence of the big bang. One may wonder, What came before? If space-time did not exist then, how could everything appear from nothing?...explaining this initial singularity -- where and when it all begun - still remains the most intractable problem of modern cosmology" (*Scientific American*, 9:1, Spring 98).

*Where and when it all begun?* Ix-xjenza tħallina mingħajr risposta; il-Kelma t'Alla twieġeb, "Fil-bidu *Alla* ħalaq is-sema u l-art."

## *Żewġ liġijiet ewlenin*

Ġenesi jaqbel perfettament mal-prinċipji ewlenin tal-fiżika, magħrufa bħala l-Ewwel u t-Tieni Liġi tat-Termodinamika. L-istess liġijiet iħabbtu sew it-teorija ta' l-evoluzzjoni.

*L-Ewwel Liġi.* L-enerġija (u l-materja) fl-univers la qiegħda tiżdied u lanqas tonqos. Ma nafu bl-ebda proċess li joħloq jew jeqred l-enerġija jew il-materja (fil-fiżika l-enerġija u l-materja huma ekwivalenti). Jiġri biss trasformazzjoni ta' tip ta' enerġija f'tip oħra. Ngħidu aħna, meta tqabbdad l-*cooker*, l-enerġija kimika tal-*butane* tinbidel f'enerġija ta' sħana u dawl. L-enerġija tieħu forma oħra, iżda l-ammont totali jibqa' daqs kemm kien fil-bidu. Bl-istess mod, meta jaqbad, il-*butane* ma jispiċċax iżda sempliċement jinbidel f'gassijiet oħra.

Mela, ix-xjenza tgħallem li: a) L-univers kellu bidu, b) L-enerġija/materja mhix tinħoloq.

Kif mela jeżisti l-univers? Jista' x-xejn joħloq kollox? Ix-xjenza m'għandiex spjegazzjoni *naturali* għall-oriġni ta' l-enerġija/materja. Ma nafu b'ebda proċess naturali ta' ħolqien ta' enerġija jew materja. Iżda ladarba l-univers jeżisti, u m'hemm l-ebda proċess naturali ta' holqien, ikollna nikkonkludu li l-univers beda *b'xi kawża mhix naturali.* Fi kliem ieħor, l-univers beda b'qawwa sopranaturali.

"Fil-bidu Alla ħalaq" hi tweġiba konsistenti max-xjenza. Barra minn hekk l-Iskrittura żżid li Alla *waqaf* mix-xogħol tal-ħolqien. "Fis-seba' jum Alla temm xogħlu li kien għamel" (Ġenesi 2:2).Għalhekk illum ma nosservawx il-ħolqien ta' materja u enerġija ġdida.

Meta naqraw l-ewwel kapitli tal-Ġenesi jiġuna salt mistoqsijiet f'moħħna: Kif jista' jkun li d-dinja, x-xemx u l-kwiekeb inħalqu fi ftit ġranet? Kif jistgħu l-pjanti jikbru f'jum wieħed ladarba s-siġar jieħdu snin sħaħ biex jikbru? Kif jista' jkun li l-art infirdet mill-baħar f'jum wieħed? L-annimali kif inħolqu f'jum wieħed meta s-soltu jdumu snin biex jimmaturaw?

Irridu nżommu quddiem għajnejna li Alla ma ħalaqx bl-istess proċessi kif nosservaw illum. Alla ma ħalaqx il-pjanti u l-annimali bit-tnissil kif iseħħ illum. Alla ħalaqhom direttament bil-qawwa tiegħu bi proċess għalkollox differenti u li issa m'għadux jopera iżjed.

Il-Mulej Ġesù jagħtina ħjiel tal-qawwa t'Alla fil-ħolqien bil-mirakli li wettaq. Bil-kelma setgħana tiegħu l-Mulej biddel l-ilma f'inbid (mingħajr il-proċess ta' tkabbir ta' għeneb, għasir u fermentazzjoni); immultiplika il-ħobż (mingħajr tkabbir ta' qamħ, għaġna ta' dqiq jew tisjir) u l-ħut (mingħajr qatt ma għamu fil-baħar jew kibru).

*It-Tieni Liġi.* Din il-liġi hi problema enormi għat-teorija ta' l-evoluzzjoni. Ilkoll nafu li l-ħwejjeġ weħidhom ma jmorrux għall-aħjar. Kollox jiqdiem, jissaddad, jinkiser, jixjieħ jew jitħassar. Kull min għandu karozza jaf sew xi tfisser is-*Second Law of Thermodynamics*! Madankollu l-evoluzzjoni tipproponi li l-affarijiet imorru għall-aħjar weħidhom, li d-diżordni jinbidel f'ordni, mingħajr il-ħidma intelliġenti tal-Ħallieq. Meta nitlaq tazza tal-ħġieġ fl-art, taqa' u titfarrak. Jekk naqbad il-biċċiet u nerġa' nitfagħhom fl-art ma jerġgħux jifformaw it-tazza kif kienet! Kif jista' mela jiżdied l-ordni waħdu (evoluzzjoni) meta kull osservazzjoni xjentifika turi l-kontra?

It-tagħlim tal-Bibbja jaqbel mat-Tieni Liġi. Fil-bidu "l-art kienet bla forma" u l-Imgħallem ħadem sakemm ra li kulma għamel kien "tajjeb wisq." Imma issa kollox qed jeqdiem. "Int Mulej, fil-bidu qegħidt is-sisien ta' l-art, u xogħol idejk huma s-smewwiet. Huma jintemmu imma inti tibqa', kollhom jiqdiemu...u jitbiddlu, iżda int tibqa' l-istess" (Lhud 1:10,11).

## *Jeffrey Dahmer*

Avolja jinjora 'l Alla, il-bniedem ikollu jibqa' jgħix fil-preżenza kontinwa ta' żewġ xhieda qawwija: il-ħolqien u l-kuxjenza, il-kwiekeb minn fuq u l-vuċi kiebja minn ġew. It-tnejn jixhdu favur il-glorja t'Alla, il-Ħallieq u s-Sid ta' kollox. Jekk ifittex rifuġju fix-xjenza, xorta waħda ma jsibx mistrieħ.

"The big bang cosmology implies that life is possible only for a bounded span of time: the universe was too hot in the distant past, and it has limited resources for the future...Thirty billion years from now, galaxies will be much darker and filled

with dead and dying stars" (Scientific American; 9,1; Spring 1998).

Ix-xjenza tgħallimna li l-univers jixbaħ xemgħa tixgħel. Qiegħed jinħela u ma jistax jibqa' għal dejjem. Għall-atew, il-kelma "għan" ma tagħmilx sens. Kollox jispiċċa. Hu wkoll jintemm. Meta l-bniedem jelimina 'l Alla minn ħsibijietu, jelimina għalih nnifsu kull tama u kull skop għall-ħajja. Il-Kristjan japrezza l-grazzja mogħtija lilu biex jagħraf il-Ħallieq. Ma jixba' qatt jirringrazzjah u jqimu. "Int jistħoqqlok, o Mulej, li tilqa' glorja u ġieħ u setgħa: għax int ħlaqt kollox, u bir-rieda tiegħek saru u nħolqu" (Rivelazzjoni 4:11).

Jeffrey Dahmer qatel diversi persuni. Ftit qabel ingħata l-forka, Jeffrey stqarr publikament:

"Jekk wieħed ma jaħsibx li hemm Alla li trid tagħtih kont, xi skop hemm tibdel l-imġieba tiegħek biex taqbel ma' ċerti normi? Ta' l-anqas hekk kont naħseb. Dejjem emmint it-teorija ta' l-evoluzzjoni bħala verità, li lkoll ġejna miż-żlieġ. Meta mmutu, taf int, dak kollox, mhemm xejn iżjed. Issa sirt nemmen li l-Mulej Ġesù Kristu hu Alla veru, u nemmen li jien, u kull bniedem ieħor, għad jagħtih kont tiegħu nnifsu."

Inżid kelma waħda mill-Iskrittura: Il-Mulej Ġesù Kristu "kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, u d-dinja m'għarfitux. Ġie fi ħwejġu, u niesu ma' laqgħuhx. Iżda lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, lil dawk li jemmnu f'ismu" (Ġwanni 1:10-12).

## 2. Il-Bidu tal-Ħajja

Charles Darwin issuġġerixxa li l-ħajja setgħet bdiet f'xi għadira ċkejna u sħuna, meta l-kimiċi weħidhom ifformaw l-ewwel ħaġa ħajja. Għal aktar minn seklu, saru sforzi kbar u studji intensivi minn ħafna xjentisti biex tinkiseb evidenza li l-ħajja setgħet bdiet spontanjament. S'issa għadu ma rnexxilhomx. Saħansitra xjentisti eminenti, bħal Francis Crick (li skopra d-DNA), huma ta' l-idea li xi ħadd tefa' ż-żerriegħa tal-ħajja mill-ispazju.

Nistgħu qatt inkunu żguri kif bdiet il-ħajja? Ħadd ma kien hemm fil-bidu josserva l-oriġni tagħha. Ħadd...ħlief wieħed, l-Etern. L-Evanġelju jgħallimna li "fil-bidu kienet il-Kelma (il-Mulej)...kollox permezz tiegħu sar, u mingħajru ma saret lanqas ħaġa waħda milli saret. Fih kienet il-ħajja." Il-ħajja ssib l-oriġni tagħha f'dak li hu ħaj minn dejjem ta' dejjem.

Skond il-ktieb tal-Ġenesi, l-art kienet bla forma fl-ewwel jum tal-ħolqien. Fit-tielet jum Alla ħalaq il-ħaxix u s-siġar. Fil-ħames jum ħalaq il-ħut u l-ħlejjaq tal-baħar, ħlejjaq li jitkaxkru, u t-tjur ta' l-ajru. Fis-sitt jum, l-annimali ta' l-art, u fuq kollox il-bniedem. "Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja: u l-bniedem sar ruħ ħajja."

Hekk mela, l-ewwel ħalaq it-tafal u mbagħad il-fuħħari tas-sengħa sawwar diversi kreaturi ħajjin.

### *Il-bijoloġija turi għerf il-Ħallieq*

Il-ħlejjaq ħajjin juruna kemm hu għaref dak li għamilhom bħalma pittura sabiħa turina l-kapaċità tal-pittur. Mhux diffiċli wisq għalina nagħrfu jekk oġġett ifformax b'kumbinazzjoni bil-forzi naturali (bħax-xita, ir-riħ, il-baħar, eċċ.) jew jekk kienx maħdum bis-sengħa tal-bniedem. Biċċa tafal u važun taċ-ċeramika jikkonsistu mill-istess sustanza. Madankollu, il-biċċa tafal m'għandhiex sura partikolari, filwaqt li s-sura artistika tal-važun turi s-sengħa ta' min ħadmu. Hekk ukoll, il-*Mona Lisa* u tiċpisa fuq tila, it-tnejn huma żebgħa. Madankollu huwa faċli nagħżlu liema waħda hi prodott tal-ġenju artistiku uman.

Bl-istess mod, jekk inħarsu lejn il-ħlejjaq ħajjin, malajr nibdew napprezzaw l-għerf infinit ta' min għamilhom. Ħu l-għajn umana bħala eżempju. L-għajn tixbaħ kamera tar-ritratti -- anzi hi ferm aktar komplessa. Il-lenti tiffoka fuq oġġetti l-bogħod jew fil-qrib. L-iris tikber jew tiċkien biex tikkontrolla kemm jidħol dawl. Ir-retina tibgħat sinjali elettriċi lejn il-moħħ li kapaċi jinterpreta u "jara" l-immaġini. Bħalma kamera kienet maħsuba u ddisinjata biex twettaq għan partikolari, hekk ukoll l-għajn turi l-ħsieb ta' min għamilha. L-ebda proċess naturali, mingħajr informazzjoni, ma jista' joħloq organu daqshekk kompless. Darwin jammetti: "To suppose that the eye with all its inimitable contrivances for adjusting the focus to different distances, for admitting different amounts of light, and for the correction of spherical and chromatic aberrations, could have been formed by natural selection, seems, I freely confess, absurd in the highest degree." Għandu elf raġun.

### *Iċ-ċellola*

Fl-aħħar 25 sena, permezz ta' l-*electron microscope*, u l-aktar il-*biochemistry*, skoprejna d-disinn fantastiku tal-ħajja. Ejja nagħtu titwila lejn ċellola ħajja.

In-*nucleus* nxebbħuh ma' librerija ta' informazzjoni. Fih il-librara li jżommu l-kotba fl-ordni u jikkoreġu l-iżbalji fil-kitba. Fih ukoll stamperija biex jiġu stampati kopji ġodda tal-kotba. L-informazzjoni hi meħtieġa f'post ieħor msejjaħ *cytoplasm*. Biċċiet ta' informazzjoni huma ikkopjati, u meħuda fis-*cytoplasm* minn messaġġiera fil-post eżatt fejn huma meħtieġa. Hemmhekk magni speċjali jaqraw u jittraduċu l-informazzjoni biex jinbeda makkinarju ġdid għaċ-ċellola jew biex tiġi prodotta xi sustanza partikolari.

Iċ-ċellola għandha sistema komplessa biex tikkontrolla d-dħul u l-ħruġ ta' sustanzi mill-ambjent madwara, ngħidu aħna l-ammont ta' melħ jew żokkor. Pompi ta' l-elettriku jitfgħu l-melħ 'il barra u jdaħħlu ż-żokkor 'il ġewwa. It-trasport fiċ-ċellola huwa kontrollat, bħal sistema komplessa tal-karozzi tal-linja, biex kull sustanza partikolari tiġi trasportata lejn postha.

Hemm ukoll *generators* li jaħarqu l-*fuel* biex jipproduċu l-enerġija għal mijiet ta' magni differenti. Il-*generators* huma effiċjenti ħafna, u jżidu jew inqassu l-produzzjoni ta' l-enerġija skond il-bżonn.

Iċ-ċellola għandha sistema ta' komunikazzjoni ma' ċelloli oħra. Meta tirċievi messaġġ, taqrah, u tirrispondi skond il-messaġġ, ngħidu aħna biex żżid jew tnaqqas il-produzzjoni. Dawn il-proċessi kollha joħolqu ħafna imbarazz u ħsara fil-magni. Għalhekk hemm sistemi biex jitneħħew magni difettużi u jinżamm il-post pulit. Meta iż-żmien jagħmel tiegħu u ċ-ċellola teqdiem u ma tibqax tiffunzjona tajjeb, iċ-ċellola tinduna, u tiddestruġġi lilha nnifisha awtomatikament. Jew jekk ikun il-bżonn iċ-ċellola tagħmel xi ħaġa li ebda makkinarju ivvintant mill-bniedem mhu kapaċi jagħmel: il-ċellola tagħmel kopja tal-librerija u tal-magni u tinqasam fi tnejn.

U dan kollu jseħħ f'ċellola ċkejkna daqs wieħed minn ħamsin ta' millimetru!

Dik hi ċ-ċellola ħajja. X'taħseb? Hemm evidenza ta' disinn u intelliġenza? Ma tkunx konkużjoni loġika jekk tafferma li l-ħajja kienet maħsuba u maħluqa minn xi ħadd b'intelliġenza kbira? Iva, dak li niskopru fil-ħolqien jaqbel perfettament ma' dak li tgħallimna l-Iskrittura: il-ħajja kienet maħluqa minn Ħallieq għaref u intelliġenti.

## *L-istorja tax-xjenza*

B'dispjaċir inżid ngħid li mhux kulħadd jara l-ovvju. Steven Weinberg, xjentist prominenti, jesprimi l-opinjoni ta' ħafna minn sħabu: "M'hemmx evidenza ta' disinn fl-oriġni tal-ħajja." Stqarrija bħal dik tissorprendini. X'evidenza aktar irid?!

Storikament, il-bniedem spekula dwar l-oriġni tal-ħajja. Fil-qedem kienu jaħsbu li l-ħajja tiġġenera spontanjament minn ħwejjeġ bla ħajja. L-Eġizzjani kienu jaħsbu li s-sriep joriġinaw mit-tajn; il-Griegi, li l-ġrieden jiġu miż-żibel. Sas-seklu tmintax ix-xjentisti kienu għadhom jemmnu li l-mikrobi jiġġeneraw ruħhom spontanjament. *Louis Pasteur* wera darba għal dejjem li l-mikrobi jiġu minn mikrobi oħra. L-idea ta' ġenerazzjoni spontanja ntesiet. Huwa ovvju għal kull bijoloġista li *l-ħajja dejjem tiġi mill-ħajja.*

Issa l-ħajja ma kinitx fid-dinja minn dejjem. Xi darba bdiet. Kuntrarju għal dak kollu li nosservaw, ħafna xjentisti jemmnu li l-ħajja bdiet spontanjament, weħidha. X'fidi għamja! Erġajna lura għall-mitoloġija ta' żmien l-Eġizzjani u l-Griegi. Kemm hu aktar sensibbli temmen f'Alla ħaj u għaref li sawwar il-ħlejjaq ħajjin.

Imma min ma jridx jemmen f'Alla ma tikkonvinċih b'xejn. Ix-xjenza llum hi dominata minn filosofija msejħa "naturaliżmu" - in-natura biss teżisti, m'hemmx skop, direzzjoni jew kawża ħlief il-forzi għomja tal-fiżika u l-kimika. Ladarba lanqas biss jikkonsidraw *il-possibiltà* li hemm Alla, ovvjament ma jistgħu jaslu qatt biex jaraw evidenza favur l-eżistenza tiegħu. Xi ħadd li jagħlaq għajnejh it-tnejn ma jarax id-dija tax-xemx, avolja jħares direttament lejha. "M'hemmx xemx!" jikkonkludi.

## *X'kumbinazzjoni!*

Ix-xjentisti pagani għandhom problema kbira: jekk il-ħajja ma kinitx iddisinjata, kif ġiet weħidha? "Mill-ispazju!" xi wħud iwieġbu bis-serjetà kollha. Imma tweġiba bħal dik sempliċement twaddab il-problema fuq pjaneta oħra u fi żmien ieħor. Oħrajn jgħidu, "Permezz ta' forzi naturali li għadna ma skoprejniex." Imma jekk għadna ma skoprejnihomx, għaliex dawn l-ideat jidhru fil-kotba tax-xjenza mgħallma lill-istudenti tagħna? Ix-xjenza suppost tagħti spjegazzjoni skond il-liġijiet tan-natura li nafu, mhux li ma nafux.

Fl-1953, Stanley Miller irnexxielu jipproduċi *amino acids* billi għaddha kurrent elettriku ġo taħlita ta' gassijiet. X'ifisser dan? Meta kont l-iskola qalulna: "Nissoponu li dawk il-gassijiet jixbħu l-atmosfera tad-dinja miljuni ta' snin ilu. Is-sajjetti u r-raġġi tax-xemx fformaw taħlita ta' ingredjenti differenti, fosthom sustanzi bħal *amino acids* u *nucleic acids* li nsibu fi ħwejjeġ ħajjin. Jekk jgħaddi biżżejjed

żmien, dawn l-ingredjenti differenti jistgħu jingħaqdu flimkien u jifformaw ċellola ħajja."

Idea bħal din tinstema' fantastika u inkredibbli. Pittura teħtieġ xi ħaġa aktar minn żebgħa u tila; statwa teħtieġ xi ħaġa aktar minn irħama u skarpell; u dar teħtieġ xi ħaġa iżjed minn ġebel u konkos. M'hemmx pittura, skultura jew dar mingħajr artist, skultur jew bennej.

Imma l-argument fil-ktieb tax-xjenza jkompli: "Immaġina borża mimlija boċċi, u fuq kull boċċa hemm ittra miktuba. Jekk intellgħu boċċa waħda wara l-oħra (bħat-tombla) nistennew li jitilgħu taħlita ta' ittri bl-addoċċ, ngħidu aħna:

*jwkllzmio ssfeayou eieiozlqeqfafezc ejura*

Kif nistgħu nissoponu, l-ittri mqegħdin flimkien bl-addoċċ ma jagħmlux sens. Ninnotaw li kultant tinzerta kelma ċkejkna bis-sens. Fl-eżempju t'hawn fuq inzertat il-kelma *you*. Wara ħafna żmien jinzertaw żewġ kelmiet, u jekk tagħti biżżejjed żmien, sentenza sħiħa. U tibqa' sejjer hekk. Kulma hemm bżonn żmien twil biżżejjed."

Ma niddubitawx li kultant u b'kumbinazzjoni tifforma xi kelma bis-sens. Imma x'inhu ċ-ċans li tifforma *sentenza* sħiħa bla żball? X'inhu ċ-ċans li jifforma *paragrafu* sħiħ? *Kaptitlu* sħiħ? *Ktieb* sħiħ?

Forsi twieġeb: "Imma, jekk tagħti biżżejjed ħin, kollox hu possibbli."

Le, ma naħsibx, għal diversi ragunijiet:

Ħadd m'għandu kampjun ta' l-atmosfera tad-dinja ta' daqstant miljuni ta' snin ilu. Stanley Miller ma rnexxilux jipproduċi l-ingedjenti kollha. Ma tistax tikteb dramm ta' Shakespeare jekk għandek nofs tużżana ittri ta' l-alfabet nieqsa. Lanqas jekk iddum għall-eternità!

Mhux biss, minbarra l-kimiċi neċessarji jifformaw ukoll kimiċi valenużi. Jekk b'kumbinazzjoni tifforma kelma jew tnejn bis-sens, tinqered ħin bla waqt.

Lanqas għandna żmien kemm irridu. Ix-xjentisti jammettu li ż-żmien hu limitat għal anqas minn 200 miljun sena. Ħalli nassumu li m'hemmx ittri neqsin. Nassumu wkoll li m'hemmx valeni li jeqirdu kull ittra tajba li tifforma. Kemm irid jgħaddi żmien biex b'kumbinazzjoni tinzerta l-ewwel sentenza ta' Salm 23:

THE LORD IS MY SHEPHERD, I SHALL NOT WANT

Jekk wieħed jagħmel il-kalkoli jsib li hu meħtieġ bejn wieħed u ieħor 10 x $10^{1016}$ sena (in-numru wieħed u aktar minn elf żero warajh)! B'kuntrast ix-xjentisti jemmnu li d-dinja ilha teżisti 5 biljun sena biss (in-numru ħamsa u disa' żero warajh). Aħseb u ara biex jifforma mikrobu li fih informazzjoni biex timla mijiet ta' paġni tal-Enċiklopedija Brittanica!

Minkejja dan, ħafna xjentisti jkomplu jemmnu u jgħallmu li l-ħajja oriġinat weħidha u spontanjament. Jemmnu hekk b'fidi għamja, kontra l-fatti u r-riċerka xjentifika, kontra l-probabbiltà matematika u kontra s-sens komun. Sir Fred Hoyle ikkalkola ċ-ċans li l-ħajja tiżviluppa spontanjament mingħajr disinn u intelliġenza hu daqs kemm kieku jgħaddi riefnu minn miżbla u jibni Jumbo Jet!

## *L-arluġġar għami*

Fl-1986 ħareġ ktieb intitolat "The Blind Watchmaker" miktub mill-evoluzzjonista Richard Dawkins. Dan il-ktieb hu tweġiba għal ktieb ieħor, "Natural Theology" miktub 150 sena qabel minn William Paley. Paley irraġuna li bħalma arloġġ jeħtieġ arluġġar biex jagħmlu, hekk ukoll id-disinn u l-iskop tal-ħlejjaq ħajjin juru l-eżistenza ta' Ħallieq għaref.

Dawkins jammetti li "l-arloġġ" (jiġifieri l-univers) jeħtieġ "arluġġar" imma jsostni li huwa għami, bla intelliġenza u bla skop. Dan l-arluġġar hu "l-għażla naturali" ta' Darwin. "Natural selection, the blind, unconscious, automatic process which Darwin discovered...is the explanation for the existence and apparently purposeful form of all life . . . it has no mind."

Skond Dawkins arluġġar bla moħħ għamel lilna b'moħħ jaħseb u jirraġuna!

Sadattant kittieb ieħor, il-professur tal-biokimika Michael Behe, ippubblika ktieb ieħor: "Darwin's Black Box." Fih jispjega il-funżjoni fenomenali taċ-ċellola u juri b'mod konvinċenti li l-għażla naturali ma tistax tipproduċi makkinarju daqshekk kompless. Il-ħajja kienet iddisinjata minn intelliġenza.

Aqra' lil Dawkins u lil Behe flimkien. Aħseb, iżen sew, u ara min għandu raġun!

## *Ħajja fil-laboratorju*

S'issa x-xjentisti ma rnexxilhomx jipproduċi xi ħaġa ħajja. Bit-teknoloġija u l-għerf tax-xjenza moderna ma jidhirx li dan hu possibbli għalissa. Imma ejja ngħidu li grupp ta' xjentisti għorrief, wara li jqattgħu ħafna snin jaħdmu f'laboratorji mgħammra bl-aktar

apparat sofistikat jirnexxilhom jibnu ċellola ħajja. Ma jkunux taw prova li m'hemmx bżonn Ħallieq intelliġenti biex tinħoloq il-ħajja?

Pjuttost il-kontra. L-għażla hi bejn oriġni spontanja, mingħajr disinn jew intelliġenza u oriġni minn Ħallieq intelliġenti. *L-istess għerf u ħidma sfiqa tax-xjentisti bravi jagħtu xhieda favur il-ħtieġa ta' disinn u intelliġenza biex tinħoloq il-ħajja.*

***S.E.T.I.***



In-NASA, l-aġenżija spazjali Amerikana, nefqet miljuni ta' dollari biex tiskopri evidenza ta' intelliġenza fl-ispazju. Il-proġett jismu *SETI: Search for Extra-Terrestrial Intelligence.* Jemmnu li l-ħajja tevolvi kulfejn hemm pjaneti b'kundizzjonijiet favorevoli. Peress li hemm biljuni ta' biljuni ta' stilel huwa probabbli li hemm ukoll ħafna pjaneti b'kundizzjonijiet jixbħu lid-dinja tagħna. Naturalment mhux possibbli nilħqu l-istilel ta' madwarna imma hemm mezz ieħor biex nagħrfu jekk hemmx ħajja f'partijiet oħra ta' l-univers. Nistgħu niskopru sinjali ta' intelliġenza minn kwiekeb 'il bogħod bħalma nirċievu informazzjoni d-dar f'forma ta' *radio waves*. Jekk jeżistu l-ET's għandu mnejn naqbdu messaġġi bir-*radio waves* (jew radjazzjoni oħra). Is-SETI mmiraw il-widnejn elettroniċi tagħhom lejn is-sema, u qegħdin jisimgħu...

Iżda kif inkunu nafu jekk ir-*radio waves* oriġinawx minn xi ċiviltà jew inkella minn proċessi naturali? Hemm kwiekeb li jipproduċu ħafna raġġi tar-radju bħalma x-xemx tipproduċI r-raġġi tad-dawl. Kif nistgħu nagħrfu messaġġi intelliġenti? Proċessi naturali jipproduċu ċertu pattern ta' ħsejjes, storbju bla sens. Imma jekk il-messaġġ ikun regolari u f'forma ta' *code* nistgħu nibqgħu żguri li qed nikkomunikaw ma' intelliġenza oħra!

S'issa ma semgħux messaġġi bħal dawn. Imma jidher ċar li SETI jaħdem fuq prinċipju sempliċi: *informazzjoni f'forma ta' code hi prova ta' sors intelliġenti.*

Bl-istess prinċipju, x'nikkonkludu jekk inħarsu lejna nfusna? Kull ċellola fiha informazzjoni f'forma ta' *code* ġenetiku biżżejjed biex timla elf kopja ta' ktieb ta' ħames mitt paġna l-wieħed! X'evidenza aktar neħtieġu biex nemmnu f'Ħallieq intelliġenti?!

"Infaħħrek; għax tal-biża' u ta' l-għaġeb jien magħmul; ta' l-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek; u dan ruħi tafu tajjeb" (Salm 139).

## 3. Il-Bidu ta' l-Ispeċi



F'Diċembru 1831, il-bastiment navali Ingliż, il-*Beagle,* salpa mill-Ingilterra u beda vjaġġ destinat biex jieħu d-dinja f'era ġdida. Matul il-vjaġġ Charles Darwin ġabar informazzjoni u beda jifforma teorija li ġiet pubblikata fi ktieb intitolat *The Origin of Species* f'1859. Darwin argumenta li d-diversità tal-ħajja fid-dinja hija riżultat ta' proċessi naturali u mhux ta' l-attivita' krejattiva ta' Alla.

It-teorija ta' Darwin tikkontradixxi l-Iskrittura. Darwin isostni li fuq medda twila ta' żmien speċi tinbidel fi speċi oħra. Għall-kuntrarju Ġenesi jirrakkonta l-ħolqien ta' tipi differenti ta' ħlejjaq ħajjin u jisħaq kemm-il darba li l-ħxejjex u l-bhejjem differenti kellhom inisslu skond ġenshom. It-teorija ta' l-evoluzzjoni ta' Darwin kkontribwiet mhux ftit biex jitwarrab Alla mis-soċjetà tal-Punent u postu jittieħed minn "natura" u l-bniedem innifsu. Il-Punent sar sekulari.

***It-teorija ta' Darwin***

Fil-qosor, Darwin osserva li hemm varjazzjoni kbira f'popolazzjoni ta' annimali (jew pjanti) ta' speċi partikolari. Innota wkoll li hemm ġlieda u kompetizzjoni bejniethom biex jibqgħu ħajjin. L-individwi li jinzertaw għandhom kwalitajiet favorevoli jibqgħu ħajjin u jirriproduċu; l-oħrajn jintemmu qabel il-waqt. Darwin ikkonkluda li *din l-għażla naturali twassal għall-bidla fil-karatteristiċi ta' popolazzjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra, u wara ħafna żmien l-ispeċi oriġinali tinbidel fi speċi differenti.*

L-isponsuni fuq il-gżejjer *Galapagos* huma l-eżempju klassiku ta' l-istudji ta' Darwin. Fuq dan l-arċipielgu hemm speċi differenti ta' sponsuni. Uħud minnhom għandhom munqar oħxon, oħrajn irqiq u twil, u lewn ta' rix differenti minn xulxin. Fl-istess ħin, jidher ċar li l-isponsuni jiġu minn xulxin għax għandhom ħafna kwalitajiet komuni bejniethom. Darwin ma qisiex probabbli li Alla ħalaq speċi differenti ta' sponsuni biex jgħammru fuq kull gżira. Huwa aktar probabbli li l-ispeċi differenti oriġinaw minn antenat/i komuni fuq medda ta' snin bi proċess ta' għażla naturali.

Bla dubju s'hawnhekk Darwin kellu raġun. Iżda l-kwistjoni ewlenija hi din: tista' ġġebbed l-idea tal-varjazzjonijiet fost l-isponsuni (u eżempji oħra) biex tispjega l-oriġni tal-kategoriji prinċipali ta' l-annimali? Jista' jkun li l-ħut inbiddlu f'rettili u r-rettili inbiddlu f'mammali? Jista' jkun li l-bniedem oriġina minn annimal jixbaħ ix-xadini? L-għażla naturali tispjega tajjeb il-bidliet żgħar fost klassi partikolari speċjalment f'reġjuni ġeografiċi differenti. Imma tista' tispjega l-varjazzjonijiet kbar bejn klassijiet differenti? Min jaqbeż erba' piedi, jista' forsi jaqbeż tmienja. Imma tista' tgħid allura li kapaċi jaqbeż *kilometru* wkoll?

L-għażla naturali tixbaħ l-għażla artifiċjali mill-bniedem ta' annimali bħall-fniek, il-ħamiem, il-klieb, il-baqar u l-qtates. Jekk nieħdu l-klieb, hemm differenzi sinifikanti bejn ir-razez: il-*bulldog,* tal-kaċċa, il-*poodle,* tal-but, il-*German Shepherd*, eċċ. Mill-esperjenza vasta li għandna mit-tnissil tal-klieb nafu li hemm limitu ta' kemm varjazzjonijiet huma possibbli. Barra min hekk, minkejja l-varjazzjonijiet bejn ir-razez, ilkoll jibqgħu klieb, u ma jsirux kategorija differenti ta' annimali.

Biżżejjed inħarsu lejn ir-razza umana. Bejnietna hemm differenzi sostanzjali, speċjalment bejn il-bojod, is-sofor, is-suwed u l-aboriġini. Madankollu lkoll kemm aħna *membri indaqs tar-razza umana.*

B'hekk nikkonkludu li l-għażla (sew naturali kif ukoll artifiċjali) tispjega l-varjazzjonijiet *ġo* kategorija ta' annimali (eż. fost l-isponsuni); imma ma tispjegax il-varjazzjoni *bejn* kategoriji differenti (eż., l-isponsuni u l-ajkli).

F'Ottubru 1980 iltaqgħu f'Chicago l-evoluzzjonisti ewlenin tad-dinja. F'din il-konferenza qiesu jekk il-mezzi li jikkaġunaw bidliet żgħar (kif innota Darwin, li huma msejħa *microevolution*) jistgħux jispjegaw l-evoluzzjoni vera (*macroevolution*). Il-konkluzjoni tal-konferenza kienet ċara: Le, Impossibbli!

The central question of the Chicago conference was whether the mechanisms underlying microevolution can be extrapolated to explain the phenomena of macroevolution. At the risk of doing violence to the positions of some of the people at the meeting, the answer can be given as a clear, No. (Lewin, *Science,* Nov. 21, 1980).

*Minn jaqbeż tminn piedi mhux bilfors jista' jaqbeż minn Malta sa Għawdex!*

## *Ġenetika*

Għalfejn l-għażla naturali ma twassalx għall-oriġni ta' speċi aktar komplessa? Ir-raġuni tipprovdiha x-xjenza tal-ġenetika. Sabiex isseħħ il-bidla:

**speċi A (eż. rettilu) >> speċi B (eż. għasfur)**

hemm bżonn ta' żieda fl-informazzjoni ġenetika. Biex rettilu jevolvi f'għasfur jeħtieġ, fost ħafna ħwejjeġ oħra, l-informazzjoni biex ikabbar ir-rix.

Issa l-kawżi ta' varjazzjonijiet bijoloġiċi li jidhru minn ġenerazzjoni għall-oħra huwa ta' żewġ tipi:

1. taħlit ta' informazzjoni ġenetika diġa' preżenti fil-popolazzjoni;

2. bidla diretta fl-informazzjoni ġenetika (mutations).

Nieħdu l-baħrija mtektka (*peppered moth*) bħala eżempju. Din il-baħrija teżisti f'żewġ forom: waħda sewda u l-oħra ċara u mtektka. Fis-seklu dsatax il-baħrija ta' lewn aktar ċar kienet aktar komuni. Iżda, meta l-ambjent beda jitħammeġ bin-nugrufun industrijali, il-baħrija sewda saret predominanti. Naħsbu li l-isfond iswed jagħti vantaġġ lill-baħrija s-sewda għax tinħeba mill-vista ta' l-għasafar, filwaqt li l-baħrija ċara tispikka u titnaqqar mill-predaturi. (Forsi din l-ispjegazzjoni hi sempliċi wisq, imma ejja nassuma li hi korretta).

X'nistgħu nikkonkludu minn din l-osservazzjoni? Kien hemm żieda fl-informazzjoni ġenetika? Naturalment ir-risposta hi negattiva. Le, ma kien hemm ebda żieda ta' informazzjoni għax il-kulur iswed u l-kulur ċar kienu diġa' preżenti fis-seklu li għadda. Inbidel biss in-numru relattiv tal-baħrija b'lewn ċar u lejn iswed. Bdejna bil-baħrija *Biston betularia* u spiċċajna bil-baħrija *Biston betularia.* Din mhix evoluzzjoni!

Tibqa' tama waħda għall-evoluzzjonisti: il-*mutations*. Dawn huma żbalji aċċidentali fil-*genes* (ikkaġunati minn kimiċi, radjazzjoni, eċċ.). Issa żbalji aċċidentali fil-programm ta' kompjuter qajla jtejbulu l-funzjoni! Bl-istess mod, il-*mutations* sikwit jikkaġunaw ħsara fil-funzjoni taċ-ċellola. Infatti l-*mutations* fil-*genes* umani jirriżultaw f'eluf ta' mardiet ġenetiċi (bħat-*Thalassaemia, Achondroplasia*, *Cystic Fibrosis,* eċċ.).

Imma jista' jkun li kultant il-*mutations* jirriżultaw f'bidliet favorevoli? Iva, possibbli. Ngħidu aħna l-mikrobu *Staphylococcus* żviluppa reżistenza għall-penicillin permezz ta' *mutation* fil-*gene* li tikkontrolla l-produzzjoni ta' *penicillinase* (sustanza

li tkisser il-penicillin). Għalhekk dawn il-batterja jipproduċu bla kontroll kwantità kbira ta' *penicillinase* li jipproteġihom mill-antibijotiku. F'pazjent li qed jiġi kkurat bil-penicillin, il-batterja b'din il-*mutation* għandhom vantaġġ fuq l-oħrajn u ma jinqerdux mill-penicillin. (Inċidentalment, fl-ambjent naturali, il-batterja bil-*mutation* huma fi żvantaġġ għax jaħlu r-riżorsi tagħhom biex jipproduċu sustanzi bla bżonn.)

Iżda b'daqshekk żidna l-informazzjoni ġenetika? Għal darb' oħra, it-tweġiba hi negattiva. Il-*mutation* ħassret l-informazzjoni fil-*gene* li tikkontrolla l-produzzjoni tal-*penicillinase*. Fir-realtà kien hemm tnaqqis, mhux żieda, ta' informazzjoni. Iżda biex isseħħ l-evoluzzjoni neħtiegu *żieda* mhux *telf* ta' informazzjoni.

Nistgħu insemmu eżempji simili. Ħut li jgħix f'għerien mudlama jaqblilhom jitilfu għajnejhom għax ikunu inqas suġġetti għall-ħsara u infezzjonijiet fihom. Hekk ukoll, ħanfusa mingħajr ġwienaħ li tgħix fuq gżira ċkejkna anqas ikollha ċans tittajjar mir-riħ u tegħreq fil-baħar. Il-*mutations* jistgħu joffru xi forma ta' vantaġġ. Anke jekk il-karozza tiġrilha l-ħsara fil-magna, nista' ngawdi xi vantaġġi -- xejn xejn nimxi iżjed u niffranka ħafna flus fil-petrol. Iżda dan ma jfissirx li l-karożża ċkejkna tiegħi qed tevolvi f'mudell aħjar!

Jeħtieġ inżommu quddiem għajnejna l-kwistjoni kruċjali: *l-evoluzzjoni teħtieġ iż-żieda ta' informazzjoni.* It-telf ta' informazzjoni ġenetika biex tifforma l-għajn fil-ħuta jew il-ġwienaħ fil-ħanfusa (u ħafna eżempji oħra) huma preċiżament it-tip bil-maqlub tal-bidla neċċessarja għall-evoluzzjoni!

## *Evidenza mix-xebħ*

Il-ħlejjaq huma klassifikati skond ix-xebħ bejniethom li jiddistingwuhom minn gruppi oħra. Il-klassifikazzjoni tal-ħlejjaq fi gruppi distinti taqbel perfettament mar-rakkont tal-Ġenesi għax Alla ħalaq annimali u pjanti distinti minn xulxin u kellhom inisslu skond ġenshom.

Fil-kotba tal-bijoloġija dan ix-xebħ huwa interpretat bħala evidenza favur evoluzzjoni: "Mhux raġonevoli li żewġ tipi ta' annimali li għandhom fatturi komuni huma dixxendenti ta' antenat wieħed?"

Naturalment dan huwa possibbli. Imma malajr inżidu li din hi evidenza ċirkostanzjali u bl-ebda mod ma tagħti *prova* ta' evoluzzjoni. L-istess evidenza tista' tiġi spjegata mod ieħor. Ngħidu aħna, jekk rawni dieħel il-bank fid-disgħa ta' filgħodu fil-ħin meta nsteraq il-bank, ma jfissirx *bilfors* li sraqtu jien. Wara kollox jien issoltu mmur il-bank biex insarraf iċ-ċekk, mhux biex nisraq!

Aħna wkoll nikklassifikaw l-għodod tal-kċina f'ċertu ordni. Madankollu ħadd ma jemmen li l-frieket evolvew mill-imgħaref, jew il-kazzola evolviet mill-kuċċarun. *Ix-xebħ bejniethom jindika disinn intenzjonat għall-użu partikolari* (ngħidu aħna, il-manku biex taqbad bih, sew il-furketta kif ukoll il-mgħarfa).

Ix-xebħ bejn annimali differenti (ngħidu aħna l-istruttura ta' l-għadam ta' dirgħajn il-mammali u l-għasafar) tista' faċilment tiġi spjegata skond l-intenzjoni ta' min ħalaqhom. Id-dirgħajn u l-ġwienaħ ta' ħlejjaq differenti kienu ddisinjati fuq mudell bażiku biex jaqdu funzjonijiet differenti -- għall-kelb biex jiġri fuqhom, ix-xadina tixxabbat bihom, il-bumerin jaqdef, u l-pitiross biex itir. Hekk ukoll, ir-roti ta' ġugarell huma bażikament l-istess bħar-roti ta' trakk tal-ġebel -- forma tonda, bil-fus fiċ-ċentru. Filwaqt li għandhom disinn bażiku identiku, huma adatti biex iservu għanijiet differenti. F'dan il-każ partikolari, l-ispjegazzjoni alternattiva hija redikola. Ladarba għandom roti jixxiebħu, x'se ngħidu? Forsi it-trakkijiet evolvew mill-ġugarelli?

Aktar minn hekk, it-teorija ta' l-evoluzzjoni ma tistax tispjega kif id-dirgħajn għandhom l-istess struttura ta' l-għadam bħar-riġlejn. Jekk l-għasafar u l-klieb ġejjin minn antenat wieħed għax l-iskeletri ta' dirgħajhom jixbħu 'l xulxin, id-dirgħajn ukoll evolvew mir-riġlejn (jew ir-riġlejn mid-dirgħajn)? L-idea hi assurda. Mill-banda l-oħra, huwa perfettament raġonevoli jekk tgħid li d-dirgħajn u r-riġlejn jixbħu 'l xulxin għax ħalaqhom Disinjatur wieħed, li addatta disinn bażiku għal skopijiet differenti.

## *L-appendix*

Jgħidu li l-appendix hu evidenza favur l-evoluzzjoni. "Il-fniek għandhom appendix kbir meħtieġ biex jiddiġerixxu l-ħaxix. Iżda fil-bniedem l-appendix hu żgħir u bla skop. L-antenati tagħna kellhom użu għalih għax kienu jieklu l-ħaxix. Huwa biss fdal ta' l-evoluzzjoni."

Ftit għadhom jużaw argumenti bħal dawn. Forsi għax fil-passat kienu sikwit imriegħxa bl-iskoperti xjentifiċi. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, l-evoluzzjonisti kellhom lista' ta' 'l fuq minn tmenin organu bla użu, suppost relikwi tal-passat evoluzzjonarju tagħna. Iżda ġara li wieħed wara l-ieħor bdew jinstabu funzjoni għalihom. Saħansitra l-appendix jidher li għandu funzjoni immunoloġika (biex jiġġieled l-infezzjoni) kmieni fil-ħajja.

Iżda anke kieku kien hemm organi li tassew m'għandhomx użu, dan ma jkunx argument favur l-evoluzzjoni. Għal kuntrarju, *organi bla funzjoni huwa evidenza kontra l-evoluzzjoni.* L-oriġni ta' l-ispeċi teħtieġ il-ħolqien ta' organi ġodda, mhux il-qerda tagħhom!

Il-bijoloġija hija konsistenti ma' Ġenesi u mhux ma' Darwin. "Alla għamel id-dbejjeb ta' l-art *skond ġenshom,* u l-bhejjem *skond ġenshom,* u kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art *skond ġensha*" (Ġenesi 1:25).

## *Ix-xhieda ta' l-iskeletri*

Il-kotba tax-xjenza isostnu li l-fossili joffru evidenza favur it-teorija tal-evoluzzjoni. Meta kont nistudja l-bijoloġija għallmuni li: "Direct evidence (for evolution) comes from studying the animals and plants of the past as seen in the fossil record, a branch of biology known as palaeontology" (Biology, Roberts, P.580).

Ħafna jassumu li l-fossili huma s-sinsla ta' l-evidenza favur l-evoluzzjoni. Jikteb palentoloġista ewlieni, David Raup:

"Darwin's theory of natural selection has always been closely linked to evidence from fossils, and probably most people assume that fossils provide a very important part of the general argument that is made in favor of darwinian interpretations of the history of life..."

Imma fil-verità hekk hu? David Raup ikompli: *"Unfortunately, this is not strictly true."* Ħalli naraw għaliex.

## *Il-fossili u l-evoluzzjoni*

Skond it-teorija ta' Darwin, tip ta' annimal (A) jevolvi f'tip ta' annimal ieħor (B) fuq perjodu ta' miljuni ta' snin. Issa din il-bidla ma ssirx b'qabża, iżda f'sensiela ta' passi żgħar. Sabiex annimal "A" jevolvi f'annimal "B" jeħtieġ numru kbir ta' annimali intermedjarji (1, 2, 3,...)

**A > 1 > 2 > 3 > 4 > 5 > B**

Dawn l-annimali intermedjarji huma assolutament neċċessarji għat-teorija ta' Darwin, għax m'hemm l-ebda proċess immaġinarju li bih speċi tista' tinbidel f'daqqa u ssir speċi totalment differenti. Darwin stess jistqarr bla tlaqliq: "innumerable transitional forms must have existed."



Il-prova favur jew kontra t-teorija ta' Darwin tinstab fil-preżenza jew in-nuqqas ta' dawn il-forom intermedjarji fis-saffi tal-blat.

## *Fi żmien Darwin ma nstabux*

Meta kien ippubblikat *The Origins of Species*, il-fossili tal-forom intermedjarji kienu għadhom ma nstabux. Laqqmuhom *missing links*. Darwin jammetti li dan in-nuqqas kien dgħufija prinċipali fit-teorija tiegħu. Iżda dak iż-żmien Darwin kellu skuża raġonevoli minħabba li x-xjenza tal-palentoloġija (l-istudju tal-fossili) kienet għadha fil-bidu tagħha.

Uħud mill-aqwa bijoloġisti ta' żmienu ma kinux jaqblu miegħu. Kien minħabba d-distinzjoni ċara bejn klassijiet differenti ta' l-annimali (sew ħajjin kif ukoll estinti) illi Louis Agassiz ikkritika t-teorija ta' Darwin. Kiteb b'konvinzjoni li fit-tfittxija għall-forom intermedjarji, il-bioloġisti kienu qed jiġru wara fantażma.

Imma forsi sa dak iż-żmien il-kawża kienet għadha miftuħa; il-verdett kellu jistenna x-xhieda tal-palentoloġisti tas-seklu għoxrin. Darwin kien konvint li biż-żmien jinstabu il-*missing links.* Stqarr ċar u tond li jekk dawn il-fossili intermedjarji jibqgħu ma jinstabux, it-teorija tiegħu tkun f'periklu kbir.

Għadda aktar minn seklu ta' studju tal-fossili. Illum ħadd ma jista' jgħid li m'għandniex informazzjoni biżżejjed biex ikollna idea ċara tat-tipi differenti ta' annimali li kienu jeżistu fil-passat. Qrib 90% tal-vertebrati instabu bħala fossili. "We are now 120 years after Darwin and the knowledge of the fossil record has been greatly expanded. We now have a quarter of a million fossil species" (David M. Raup).

Imma il-*messing links* instabu? Din hi l-mistoqsija li fuqha sserraħ jew titkisser it-teorija ta' l-evoluzzjoni.

## *Il-missing links għadhom missing!*

Fis-saffi tal-blat instabu fossili ta' l-annimali li għadhom jeżistu llum u numru kbir ta' annimali oħra estinti (l-aktar famużi huma d-dinosawri). Imma hemm fossilli intermedjarji? Hawn hu l-bużillis! Ir-risposta ċara u tonda hi: Le, ma nstabux!

Evidence from fossils now points overwhelmingly away from the classical Darwinism. (Newsweek, Nov.3, 1980).

Jekk tħares sew lejn stampa ta' siġra ta' l-evoluzzjoni, tara annimali u pjanti *fit-truf* tal-frieghi. Iz-zokk ewlieni u l-frieghi suppost huma mimlija bil-forom intermedjarji. Fil-fatt, m'hemm xejn! Għax il-forom intermedjarji baqgħu ma nstabux. Anke il-ftit eżempji ta' qabel, bħall-evoluzzjoni taż-żiemel, kellhom jiġu esklużi: "Some of the classic cases of darwinian change in the fossil record, such as the evolution of the horse in North America, have had to be discarded" (David Raup).

Isma' x'jgħidu tnejn mill-aqwa palentoloġisti:

"Despite the bright promise that paleontology provides a means of 'seeing' evolution, it has presented some nasty difficulties for evolutionists the most notorious of which is the presence of 'gaps' in the fossil record. Evolution requires intermediate forms between species and paleontology does not provide them" (Kitts, D. *Evolution*, vol.28; Sept.74).

"The known fossil record fails to document a single example of gradual evolution...and hence offers no evidence that (Darwinian evolution) can be valid" (Stanley, S. Macroevolution, Freeman and Co., p.39).

Min jaf jekk it-teorija ta' Darwin kinitx taqbad art kieku kellhom l-informazzjoni tal-fossili li għandna llum?

### ***Preġudizzju***

Għaliex mela, ħafna xjentisti jibqgħu jemmnu fit-teorija ta' l-evoluzzjoni avolja m'hemmx prova xjentifika? Jekk jammettu li t-teorija ta' l-evoluzzjoni mhix valida jkollhom jammettu wkoll li m'għandhomx tweġiba *naturali* għall-oriġni ta' l-ispeċi differenti ta' l-annimali. Mill-banda l-oħra, ix-xjentist b'filosofija materjalista (jiġifieri li l-univers materjali hu l-unika realtà) ma jridx u *ma jistax* jammetti li hemm Alla li ħalaq il-ħlejjaq skond ġenshom sakemm ma jwarrabx il-preġudizzju tiegħu.

## 4. Il-Bidu tal-Bniedem

M'hemmx evidenza konkreta mill-fossili li l-bniedem hu dixxendent ta' xi *ape.* L-istampi ta' *apeman* -- annimal nofsu xadin u nofsu bniedem -- huma biss frott l-immaġinazzjoni ta' l-artist. Jissemmew diversi ħlejjaq b'ismijiet latini u tqal, imma meta tarahom wieħed wieħed, l-evidenza tisparixxi fix-xejn.

- In-*Neanderthal man* kien mija fil-mija uman u llum jikklassifikawh bħala *Homo sapiens*.
- Il-famuż *Piltdown Man* kien ċajta ġoffa ta' wieħed li qarraq bix-xjentisti għal erbgħin sena.
- *Nebraska Man* kien mibni minn sempliċi darsa li wara nstab li kienet darsa ta' ħanżir!
- *Ramapithecus* kien *orangutan* estint.
- *Australopithecus africanus* m'għadux ikkonsidrat aktar bħala antenat tagħna.
- *Australopithicus afarensis* (bħal 'Lucy') kien jixbah l-*pygmy chimpanzee*, u l-mixja tiegħu ma kienitx tixbaħ il-mixja tal-bniedem.
- *Homo erectus* kienu umani, b'varjazzjonijiet fl-iskeltri tagħhom kif nosservaw illum fl-iskeletri umani ta' razez differenti. L-għadam ta' *Homo erectus* ukoll instabu l-istess saffi ta' blat ma' l-għadam ta' *Homo sapiens* u għalhekk ma setgħux kienu l-antenati evoluzzjonarji tal-bniedem.



Għalkemm id-dokumentarji u kotba popolari jagħtu l-impressjoni li x-xjenza għandha l-provi li l-bniedem evolva, ir-realtà hi li l-bniedem kien dejjem bniedem. Kultant issib evoluzzjonisti onesti biżżejjed biex jammettu l-verità.

"The missing link between man and the apes...is merely the most glamorous of a whole hierarchy of phantom creatures" (Newsweek, Nov. 3, 1980).

"Modern apes, for instance, seem to have sprung out of nowhere. They have no yesterday, no fossil record. And the true origin of modern humans -- an upright, naked, tool-making, big-brained beings -- is, if we are honest with ourselves, an equally mysterious matter" (Watson, L. Science Digest, vol.90, May 82).

Jekk wieħed jiddependi biss fuq ix-xjenza biex jiskopri l-oriġni tiegħu, ikollu jammetti li m'għandux tweġiba. L-origini tal-bniedem jibqa' misteru. Iżda għal min lest jemmen il-Kelma tal-Ħallieq, jitgħallem li fis-sitt jum tal-ħolqien, "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu; fuq ix-xbieha

t'Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom . . . l-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja" (Ġenesi 1:27; 2:7).

Jistgħu idumu jfittxu l-*missing link!*

## *X'inhu l-bniedem?*



Il-fidi Kristjana tibda b'affermazzjoni ta' Alla bħala Ħallieq. "Jien nemmen f'Alla...li ħalaq is-sema u l-art." It-tagħlim dwar il-ħolqien huwa l-pedament tat-tagħlim kollu tal-Bibbja. L-evoluzzjoni hi kompletament kuntrarja u topponi l-fidi Kristjana fil-pedament tagħha. L-evoluzzjoni hi filosofija alternattiva f'kompetizzjoni u ġlieda kontra t-tagħlim tal-Bibbja.

L-evoluzzjoni tibda bl-univers materjali gvernat minn qawwiet u enerġija impersonali. Mingħajr ebda direzzjoni intelliġenti u b'kumbinazzjoni evolviet id-dinja b'kundizzjonijiet favorevoli għall-ħajja. B'kumbinazzjoni akbar l-atomi ingħaqdu flimkien f'molekuli, u l-molekuli fl-ewwel ċellola. Il-ħajja mbagħad evolviet fuq mijiet ta' miljuni ta' snin f'varjetà enormi ta' pjanti u annimali -- is-siġra tal-ħajja. Fergħa minnhom inzerta kien hemm annimal jixbaħ ix-xadini, li evolva l-kapaċità li jimxi fuq riġlejh. Evolva idejn biex jaqbad u jagħmel l-għodod, u moħħ aktar intelliġenti minn annimali oħra, li bih setgħa jieħu vantaġġi għall-għixien tiegħu u jilħaq pożizzjoni ogħla mill-annimali l-oħra. Dan l-annimal huwa l-bniedem.

B'kuntrast, it-tagħlim tal-ħolqien fl-Iskrittura jibda b'Alla etern, li mix-xejn ħalaq is-sema u l-art. Ħalaq id-dinja u sawwarha biex tħaddan l-ħajja. Bil-Kelma tiegħu għamel il-pjanti u l-bhejjem, u fl-aħħar il-bniedem ukoll. Il-bniedem kien maħluq speċjali, fuq xbieha t'Alla, u ngħata s-setgħa fuq il-ħlejjaq l-oħra.

X'inhu mela l-bniedem? Skond l-evoluzzjoni, il-bniedem hu prodott tal-kosmos, ta' forzi materjali u impersonali. Il-bniedem jeżisti b'kumbinazzjoni, u mingħajr ebda għan partikolari. Il-bniedem hu annimal, żviluppat aktar minn annimali oħra, iżda essenzjalment mhux differenti minnhom.

Skond it-tagħlim tal-Bibbja, il-bniedem u l-kosmos huma l-prodott krejattiv ta' Alla etern u intelliġenti. Il-bniedem jeżisti skond ir-rieda t'Alla u maħluq għall-manifestazzjoni tal-glorja tiegħu. Bħall-annimali l-oħra l-bniedem għandu ġisem materjali, u bħalhom jiekol, jixrob u jirriproduċi. Iżda b'kuntrast ma' l-annimali, il-bniedem huwa maħluq fuq ix-xbieha u s-sura t'Alla.

## *Implikazzjonijiet*

It-teorija ta' l-evoluzzjoni mhix sempliċi ipoteżi bijoloġika dwar l-isponsuni u d-dinosawri. Altru! L-evoluzzjoni taqbeż il-limiti tax-xjenza u tidħol fl-isfera filosofika u reliġjuża. Kif rajna, it-tweġiba li tagħti għan-natura u s-sinifikat tal-bniedem hi kontradittorja għar-risposta ta' l-Iskrittura.

Ladarba hu prodott ta' forzi impersonali, il-bniedem m'għandu għalfejn ikun grat lejn ħadd. Forsi jifraħ bil-fortuna bħalma jifraħ meta jirbaħ il-lotterija. Imma ma jħossux obbligat lejn ħadd. Jistagħġeb kif ix-xejn sar xi ħaġa; kif forzi impersonali evolvew lilu, personali; kif il-kimiċi ħolqu l-emozzjoni; kif forzi għomja tawh id-dawl u l-intelliġenza; kif minn univers inkonxju tnissel il-bniedem konxju ta' l-univers u tiegħu nnifsu...

Iqis lilu nnifsu fortunat iżda mhu responsabbli lejn ħadd. Il-bniedem jinstab fil-quċċata, kburi, il-mexxej tiegħu nnifsu. Jekk l-evoluzzjoni hi vera, il-bniedem huwa awtonomu u indipendenti. Limitat biss bil-forzi fiżiċi tal-univers, iżda liberu biex jagħmel kulma jixtieq. Jisraq kliem l-ewwel kmandament minn fomm Alla u jiftaħar: 'Jien, *il-bniedem*, hu Alla *Sidi*.'

X'kuntrast ma' l-istampa li tpinġi l-Iskrittura! Ladarba l-bniedem hu l-ħlejqa t'Alla, il-bniedem huwa obbligat u responsabbli lejn Alla, il-Ħallieq tiegħu. Meta naqraw l-ewwel paġna tal-Ġenesi, mhux mal-bniedem niltaqgħu l-ewwel. Fil-bidu, mhux il-bniedem; fil-bidu *Alla.* Fil-bidu, mhux l-univers, li minnu evolva l-bniedem. Fil-bidu Alla, li ħalaq l-univers.

L-Iskrittura tqiegħed il-bniedem f'post għoli, imma f'riġlejn it-tron tas-Sid. "Aħna fih ngħixu, u nitħarrku, u għandna l-eżistenza tagħna." Fil-Ġenesi naqraw li ħalaqna Alla u mhux xi "forza naturali." Għoġbu jagħmilna speċjali, fuq sura tiegħu, u tana setgħa fuq il-bqija tal-ħolqien. Madankollu Alla hu qabilna fl-unur, fiż-żmien u qabilna fis-setgħa. Hu għamel il-bniedem u qallu biex isaltan fuq l-art. Min jaħtar mexxej bilfors hu akbar. Mhix sorpriża għalhekk naqraw li "l-Mulej Alla ta dal-*kmandament* lill-bniedem" (Ġenesi 2:16). Tah kmandament għax Alla huwa l-Ħallieq u s-Sid tal-bniedem. Il-bniedem huwa l-ħlejqa dipendenti fuq Alla.

## *Il-bniedem skond l-Iskrittura*

Biex nifhmu sew min aħna, jeħtieġ niskopru l-għan oriġinali tal-bniedem fil-ħolqien.

1. Il-bniedem hu *kompost* minn żewġ elementi -- ġisem u ruħ. Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art (il-ġisem, il-parti materjali), u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja (l-ispirtu, il-parti mhix materjali); u l-bniedem sar ruħ ħajja (Ġenesi 2:7). It-teorija ta' l-evoluzzjoni tqis il-bniedem bħala annimal materjali biss. Minħabba dan l-iżball fundamentali, il-bniedem sekulari jgħejja jfittex il-milja tiegħu fi ħwejjeġ materjali biss. Neħtieġu l-ħobż biex ngħixu iżda "l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix."

2. Il-bniedem huwa *l-aġent* t'Alla fuq il-ħolqien. Alla ta 'l Adam u 'l Eva ħakma fuq l-annimali kollha u qegħdhom fil-ġnien ta' Għeden biex iħarsuh u jieħdu ħsiebu. Alla jafda il-ħolqien f'idejna biex nieħdu ħsiebu. L-Insara għandhom ikunu l-aqwa ambjentalisti.

3. Il-bniedem kien maħluq *ħaddiem.* Bħalma Alla ħadem għal sitt ijiem u strieħ fis-seba' jum, hekk ukoll irid lilna naħdmu sitt ijiem u nistrieħu jum wieħed fil-ġimgħa. Alla qiegħed lil Adam fil-ġnien biex jikkoltivah. Ix-xogħol mhux riżultat tad-dnub u m'għandniex nagħmluh ta' bil-fors biex sempliċement indaħħlu l-paga. Sfortunatament ħafna jieħdu din l-attitudni żbaljata. Il-bniedem huwa ħaddiem minnu nnifsu. It-tfal jibdew jaħdmu minn ċkunithom, it-tifel jibni d-dar bil-*blocks* u t-tifla tieħu ħsieb il-pupa. Ħaddiem bla xogħol jibqa' ħaddiem -- u għax hu ħaddiem m'għandux jitgħażżen iżda jagħmel dak li jista' u jaħdem biex jfittex impjieg. Il-penzjonant huwa ħaddiem ukoll -- m'għandux jintefa bil-qiegħda f'rokna jistenna l-ħin għaddej, imma għandu jokkupa ruħu f'ħidma li tgħodd għalih.

4. Il-bniedem hu esseru *soċjali.* Ma kienx maħluq biex jgħix waħdu. "Mhux tajjeb li l-bniedem ikun waħdu," qal Alla. Ingħata qalb biex tħobb, u kapaċi jirċievi imħabba. L-ewwel żewġ kmandamenti -- l-imħabba lejn Alla u l-proxxmu -- jirriflettu n-natura soċjali tal-bniedem. L-ewwel imħabba nesperjenzawha fi ċkunitna fil-familja. L-aqwa relazzjoni umana huwa ż-żwieġ; il-mara kienet maħluqa għar-raġel u r-raġel isib il-milja tiegħu f'martu. M'hemm l-ebda virtù li tkun eremita iżda sfortunament ħafna jgħixu f'iżolament ta' egoiżmu. Ironikament, aktar ma tfissex l-interssi personali, anqas issibhom. Mhux tajjeb għall-bniedem li jkun waħdu, għax il-bniedem kien maħluq biex jgħix ma' l-oħrajn.

## *Il-Waqgħa*

L-ordni oriġinali tal-ħolqien m'għadhiex iżjed. Ġenesi kapitlu 3 jifred il-ħolqien tajjeb t'Alla mill-bqija ta' l-Iskrittura u l-istorja traġika tal-bniedem. Meta nħarsu madwarna nosservaw elementi sbieħ fin-natura u għal mument nifirħu bil-ħajja. Iżda mhux għal ħin twil; inħarsu madwarna u naraw għaraq, dmugħ, tbatija u mewt.

Alla qiegħed l-ewwel ġenituri tagħna fil-ġnien ta' Għeden. Kellhom kulma tixtieq qalbhom u l-ħolqien kollu kien jitbissmilhom. Alla nnifsu kien jixxierek, jitkellem u jimxi magħhom. Il-bniedem ried iżomm f'moħħu ħsieb ewlieni: ladarba Alla hu l-Ħallieq, il-bniedem għandu jobdih mill-qalb. Il-kmandament biex ma jikolx mis-siġra tat-tagħrif il-ġid u d-deni kien il-prova tas-sottomissjoni tal-bniedem lejn il-Ħallieq.

Il-bniedem m'għaddiex mit-test. Bil-qerq u l-ingann tas-serp (Satana), Eva kielet mill-frotta u tat ukoll lil żewġha. Id-dnub hu diżubbidjenza għal-liġi t'Alla u ribelljoni kontra l-ħakma tiegħu. Taħt forma jew oħra, dak li beda f'Għeden għadu sejjer sa llum.

## *L-effett tad-dnub fuq il-bniedem*

Kull aspett tal-ħajja umana ġie affettwat bid-dnub.

Il-bniedem hu magħmul minn *ġisem u ruħ.* Il-ġisem issa hu suġġett għall-mard, it-tbatija u l-mewt meta "jarġa' t-trab lejn l-art bħalma kien; u l-ispirtu jerġa' lejn Alla, li tah."

Il-bniedem kien magħmul l-*aġent* t'Alla fuq il-ħolqien. Illum il-bniedem sikwit isib il-ħolqien jiġġieled kontrih (terremoti, urugani, nirien, għargħar, eċċ.). Mill-banda l-oħra, il-bniedem minflok jieħu ħsieb il-ħolqien, qiegħed jeqirdu (bit-tniġġis ta' l-arja, l-art u l-baħar, qerda ta' foresti u sfruttament irresponsabbli tar-riżorsi).

Il-bniedem huwa *ħaddiem*, imma issa x-xogħol sar toqol fuqu: "misħuta tkun l-art minħabba fik; b'taħbit tiekol minnha l-jiem kollha ta' ħajtek; xewk u għollieq tnibbitlek; u int tiekol il-ħaxix tar-raba'; b'għaraq wiċċek tiekol il-ħobż" (Ġenesi 3:17-18).

Il-bniedem hu esseru *soċjali* iżda mad-dnub daħlu l-firdiet, ir-razziżmu, il-ġlied, il-gwerer u l-aljenazzjoni. Minflok imħabba, daħlet l-għira, il-mibegħda, il-gideb, it-tgħajjir u qtil. Il-problemi fiż-żwieġ għandhom għeruqhom fid-dnub. Iż-żwieġ kien maħsub biex jagħti lill-bniedem komunjoni u ferħ, issa sikwit jispiċċa fi ġdied, separazzjoni, divorzju u qsim il-qalb.

Imma l-agħar effett tad-dnub narawh fuq ir-relazzjoni tal-bniedem mal-Ħallieq. Il-bniedem sar midneb u infired minn Alla qaddis. Alla keċċa lil Adam u lil Eva minn Għeden. Uliedhom jitwieldu barra il-ġnien, 'il bogħod u mifrudin minn Alla.

### *Is-soluzzjoni*

Il-bniedem għamel għażla fundamentali żbaljata: l-indipendenza minflok sottomissjoni. Qatt ma ċaħad l-għażla tiegħu u minkejja l-effett diżastruż ta' dnubietu, il-bniedem jibqa' jippersisti fir-ribelljoni tiegħu. Jipprova minn kollox biex isolvi l-problemi u l-miżerji li jdawwruh. Is-suċċess hu biss illużjoni. Minkejja l-progress fit-teknoloġija u l-kultura, qalb il-bniedem għadha ħażina daqs qatt qabel. Il-mewt għadha l-għadu invinċibbli.

Ironikament il-bniedem ifittex is-soluzzjoni fl-istess kawża tal-problema: l-indipendenza minn Alla. Ivvinta reliġjonijiet, filosofiji, ideoloġiji, politka, xjenza u arti. Qed ifittex is-salvazzjoni bis-saħħa tiegħu nnifsu, b'għerfu u b'ħiltu.

Alla biss jista' jsalva lill-bniedem. Alla, li fil-bidu ħalaq kollox bil-kelma setgħana tiegħu, jista' u fil-fatt jindaħal biex isalva l-bniedem mis-saħta ta' dnubietu, u jagħtih qalb ġdida sottomessa lejh. Il-Mulej Alla qed iwettaq xogħol akbar mill-ħolqien -- il-fidwa tal-bniedem permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu.

### *X'differenza tagħmel?*

Għal min jemmen fl-evoluzzjoni, il-mertu għall-ħolqien jingħata lin-natura (il-ħolqien stess!). Din hi forma ta' idolatrija ("taw il-ġieħ u l-qima tagħhom *lill-ħlejjaq* flok ma tawhom lill-Ħallieq"). Imma n-Nisrani jagħraf 'l Alla, l-arkitett u l-bennej tal-kosmos. "Jisthoqqlok, Mulej Alla tagħna, li tilqa' l-glorja u l-ġieħ u s-setgħa, għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha, u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek."

L-evoluzzjoni hi l-pedament tas-soċjetà sekulari moderna li warrbet lil Alla fil-ġenb. L-evoluzzjoni effettivament tinnega d-dnub. Jekk m'hemmx Sid, m'hemmx awtorità jew liġi assoluta; jekk m'hemmx liġi lanqas hemm ksur tal-liġi. Hekk jixtieq il-bniedem midneb iżda mhux hekk ir-realtà! Il-kuxjenza mhix tilgħab ċajta goffa meta takkużana bil-ħtija. Il-kuxjenza hi riflessjoni tal-liġi morali t'Alla. Id-dnub hu l-kawża vera tal-frugħa fil-ħolqien u tal-mewt. Ladarba l-bniedem sekulari lanqas biss jirrikonoxxi d-dnub, ma jista' qatt jasal għas-soluzzjoni tat-tiġrib, l-inkwiet u l-mewt.

L-Iskrittura tisħaq li l-kaġun tal-miżerja u l-mewt huwa d-dnub. Iżda l-Iskrittura ma tiqafx hemm. Tkompli biex twasslilna aħbar tajba ta' salvazzjoni permezz ta' Ġesù Kristu. Hu l-Iben t'Alla, li bih sar kollox. Ġie fid-dinja biex iwettaq dak li Adam m'għamilx. L-ewwel bniedem m'obdiex; Kristu obda perfettament sal-mewt tas-salib. Kristu bata u miet biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu tiegħu u jeħlishom mill-kundanna li ħaqqhom. Għall-evoluzzjonista s-salib ta' Kristu ma jagħmilx sens. Ma jemminx fid-dnub (il-ksur tal-liġi tal-Ħallieq) u wisq anqas li ħlas id-dnub hu l-mewt. Għalhekk ma jifhimx li b'mewtu, Kristu patta d-dejn legali ta' niesu. Id-dottrina ta' l-evoluzzjoni żżommu 'il bogħod mill-Kalvarju.

### *Destin*

X'toffri l-evoluzzjoni għall-futur tal-bniedem? Mhux wisq! Il-bniedem hu prodott ta' aċċident kosmiku. Mhux intenzjonat għal xi għan partikolari. Eluf ta' speċi differenti intemmu. Il-bniedem hu sempliċement annimal ieħor, li wara li jissielet għal xi żmien, hu ukoll jitlef il-battalja u jiġi estint. Jekk b'xi mod itawwal l-eżistenza tiegħu għall-miljuni ta' snin, xorta waħda hu destinat li jintemm meta x-xemx taħli l-enerġija tagħha jew tespandi u tibla d-dinja f'ballun tan-nar. Jekk b'xi mod jaħrab mis-sistema solari u jsib dar oħra x'imkien, hemm ukoll jiġi għat-tmiem tiegħu meta l-kwiekeb jintfew u jiksħu.

L-evoluzzjoni ma toffrix futur għar-razza umana u wisq anqas għall-individwu. Min jien? U x'inhu l-iskop ta' ħajti? jistaqsi l-bniedem modern. Jekk irid ikun konsistenti mal-filosofija evoluzzjonarja, ikollu jwieġeb: "Jien annimal. Ġejt b'kumbinazzjoni, u meta ngħix għal ftit snin, immut, nitħassar u ma nibqax iżjed. Il-ħajja m'għandhiex valur personali dejjiem. Il-ħajja hi frugħa. Għalhekk ħalli ngawdi u niddeverti sakemm għandi ċans."

Kemm hu differenti l-messaġġ ta' l-Iskrittura! Il-bniedem kien maħluq fuq xbieha t'Alla, biex jagħraf u jgawdi l-Ħallieq tiegħu. Il-Kristjan jistqarr, "Fl-aħħar mill-aħħar se mmut, iżda ma nintemmx. Bħalma għext fid-dinja dipendenti fuq Alla, is-Sid tiegħi, inħares lil hinn mill-qabar b'fiduċja fih. Il-wegħda tiegħu hi l-ħajja eterna."

Copyright © Dr Joseph Mizzi.
www.tecmalta.org/genesi.htm
Huwa permess li "Ġenesi" jiġi riprodott u mqassam mingħajr ħlas jew tibdil fit-test.